-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 21

[Nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2020]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion - Vici Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Jeremy Cardona – Kunsillier
Hugh Caruana – Kunsillier
Shaun Farrugia – Kunsillier
Jeremy Cardona – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jessica Borg – Kunsilliera
Alexander Zammit - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **21.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| 21.1.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qal illi rċieva talba t'apoloġija mingħand il-kunsilliera J.Borg u l-kunsillier A.Zammit. Dawn it-talbiet kienu approvati minn naħa tal-Kunsill. Id.DSE qal ukoll illi għall-ġimgħat illi ġejjin il-kunsilliera J.Borg mhix se tkun tista tattendi laqgħat illi jsiru nhar ta' Tlieta minħabba impenji oħra ta' xogħol. |
| **21.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| 21.2.1 | B'referenza għall-punt 19.2.1, l-istaff se jibdew jieħdu ħsieb il-permessi filgħodu waqt illi jħallu l-emajls għal wara nofsinhar. Dan għalhiex il-maġġoranza ta' nies jiġu filgħodu għall-permessi u xogħolijiet oħra għandom isiru meta jkun hemm inqas volum ta' nies. Il-kunsillier H.Caruana lmenta li kien hemm ġurnata fejn spiċċaw short-staffed peress illi impjegata ħadmet mid-dar meta tnejn oħra kienu qegħdin jattendu korsijiet. Is-Sindku fakkar dwar ir-raġunijiet għalfejn qegħdin jaħdmu bil-clusters waqt illi zied illi titlef l-iskop tagħha jekk persuna taħdem ma persuna oħra barra mill-cluster. Id-DSE qal illi għandu jirċievi, kull ġimgħa, ir-roster tal-ġimgħa ta' wara li tinkludi min se jaħdem fejn, min għandu jattendi korsijiet, u min talab il-leave. |
| 21.2.2 | Il-kunsillier H.Caruana għamel referenza għal punt 19.2.3 fejn qal illi l-problema għada hemm. |
| 21.2.3 | Dwar Temptations, is-Sindku qal illi l-applikant issa għandu jieħu ħsieb l-affarijiet minn naħa tiegħu. |
| 21.2.4 | Is-Sindku qal illi l-avukata qegħda taħdem fuq il-kaz tal-pompa. Il-kunsillier J.Cardona qal illi peress illi ma kienx prezenti għal dik il-laqgħa, xtaq jgħid illi ħass li huwa insult lejn il-Kunsill li Prim Imħallef jiddikjara li l-Kunsill għandu jsib post alternativ fejn isir pompa tal-petrol privata. |
| 21.2.5 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa jekk hemm update dwar il-compactor. Id-DSE qal illi waqt illi ħarġu rikwests għall-istimi kien għadu ma ġiex provdut b'risposta mingħand tlett suppliers. |
| 21.2.6 | B'referenza għall-mozzjoni, punt 19.8.1, il-kunsillier J.Cardona staqsa jekk din il-proposta se tissolva l-issue tal-ilma. Qal illi fil-fehma tiegħu tagħmel sense jekk ma tintilifx parking, speċjalment għax jinqataw l-abbuzi li qed isir meta jkun hemm muturi fuq id-double yellow. Staqsa wkoll jekk nirbħu parking bil-proposta. Is-Sindku qal illi diffiċli tgħid izda jemmen illi nirbħu ftit.<br>Il-Viċi Sindku staqsa fejn tapplika din il-proposta. Is-Sindku qal illi bejn Sliema road u Manoel de Vilhena.<br>Id-DSE qal illi għanda tintbagħat applikazzjoni lil TM. |

| | |
|---|---|
| 21.2.7<br><br>21.2.8 | Il-kunsillier N.Chetcuti ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 19 jiġu approvati. Il-kunsillier I.Buhagiar ssekondaħ.<br><br>Il-kunsillier S.Farrugia ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 20 jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. |
| **21.3** | **Korrespondenza mas-Sindku** |
| 21.3.1<br><br>21.3.2<br><br>21.3.3<br><br>21.3.4<br><br>21.3.5<br><br>**21.4**<br><br>21.4.1<br><br>**21.5**<br><br>21.5.1 | CWS: Ġie diskuss l-appraisal forms tal-ħaddiema tas-CWS. Wara diskussjoni fit-tul, kien hemm qbil illi għandom jieħdu l-massimu, izda hemm bzonn jingħataw izjed xogħol. Id-DSE qal illi kif qegħdin bħalissa, hemm bzonn illi kunsilliera jirraportaw l-affarijiet li dawn il-ħaddiema huma kapaċi jieħdu ħsieb ħalli jiġu utilizati dak il-ħin stess.<br><br>Tower Crane: Kien hemm proposta għal Tower Crane ġewwa triq Luqa Briffa kantuniera ma Giacint Tua. Il-kuntrattur għandu jara li ssir internament l-ewwel.<br><br>Covid-19: Is-Sindku informa li r-Reġjun fetħu skema fejn se jkun hemm €5000 għal kull Kunsill biex juzaw għax-xiri ta' prodotti bzonnjuzi waqt il-pandemija. Wara diskussjoni fit-tul ġie deċiz illi għandna naraw kemm noħorġu pakketti b'€5000 u naraw kemm hemm tfal fl-iskejjel ħalli jieħdu preċedenza.<br><br>MTA: Se jkun hemm fond ta' €5000 għat-tizjin tat-toroq fil-Milied minn naħa tal-MTA. Il-Kunsill qabel illi l-kuntrattur jagħti suġġerimenti kif dawn jistaw jintuzaw sew.<br><br>Is-Sindku nforma li sid STHotels informaħ illi jixtieq jiltaqa miegħu dwar l-applikazzjoni tagħhom ġewwa triq Ponsonby. Kien hemm qbil illi l-laqgħa ssir nhar ta' Sibt.<br><br>**Mistoqsijiet tal-kunsilliera**<br><br>Ma kien hemm l-ebda mistoqsija<br><br>**Rapporti**<br><br>Ma kien hemm l-ebda rapport. |
| **21.6**<br><br>21.6.1 | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**<br><br>Il-Viċi Sindku qal illi hemm skips fl-open area fejn it-torri u qed jidħlu ilmenti li l-kuntrattur qed imur fis-2am. Għanda ssir ilment lil infurzar tal-Planning dwar dawn l-iskips. |

| | |
|---|---|
| 21.6.2 | Il-Viċi Sindku staqsa dwar il-possibilita li jinbidlu l-bankijiet mall-Promenade. Is-Sindku qal illi se ssir proġett fuq il-moll u għal xejn isir issa qabel ma ssir dik il-proġett. |
| 21.6.3 | Il-Viċi Sindku reġa qal illi hemm bzonn indaħħlu izjed parking. Id-DSE fakkar illi dawn għandom isiru bl-approvazzjoni ta' TM. |
| 21.6.4 | Il-Viċi Sindku reġa qajjem il-kwistjoni tal-ħamiem. Is-Sindku qal illi qegħdin nistennew direttiva fuqha din.<br><br>**Il-Viċi Sindku talab illi jkun skuzat għall-ħabta ta' 19:15. Il-Viċi Sindku telaq mill-kamra tal-laqgħa bil qbil tal-Kunsill.** |
| 21.6.5 | Is-Sindku qal illi ġew ipprintjati ftit leaflets dwar il-pompa tal-petrol u ta specimen lill-kunsilliera. Esprima x-xewqa li dawn jintqasmu lil kull resident ħalli tidher illi l-Kunsill għamel il-parti tiegħu kontra l-izvilup tal-pompa. Kien hemm qbil illi dawn jiġu pprintjati u jintbagħtu lil households. |
| 21.6.6 | Is-Sindku qal illi avviċċinaħ pittur li għandu kollezzjoni ta' 12 il-pittura fuq il-lokalita u li dawn jiswew €170 kull waħda. Kien hemm qbil illi dawn jinxtraw mill-Kunsill wara li l-kunsilliera jarawhom. |
| 21.6.7 | Is-Sindku staqsa jekk hemm qbil illi 2 professuri jagħtu informazzjoni dwar il-lokalita lill-kuntrattur tal-website ħalli din tista tingħalaq. Il-Kunsill qabel. |
| 21.6.8 | Il-kunsillier S.Farrugia qal illi kellu punti fuq il-kwistjoni tal-ħaddiema izda ġiet diskussa fil-bidu tal-laqgħa. Zied illi hemm min hu fuq study leave. Is-Sindku qal illi l-impjegat qed jieħu l-leave minn tiegħu biex jistudja, u fakkar illi fil-passat dan l-impjegat ma ħax ġranet ta' leave meta taħt leġislatura oħra ma kienx hemm Segretarju Ezekuttiv u kellu jwaqqaf l-istudji tiegħu biex jassisti l-Kunsill. Il-kunsillier S.Farrugia qal illi ma jixtieqx jara li hemm min jipprofitja ruħu.<br>Kien hemm diskussjoni fuq in-nuqqas ta' rizorsi u kien hemm qbil illi jidħol membru tall-istaff ġdid.<br>Id-DSE qal illi tajjeb nikkonsultaw mall-accountant u naraw l-ispejjez li jinvolvu wara r-rimarka li kien hemm fil-Management Letter ta' din is-sena. |
| 21.6.9 | Il-kunsillier S.Farrugia staqsa jekk Fawwara Gate se titneħħa minħabba l-proġett ta' Muscat Motors. Is-Sindku qal illi fl-ebda ħin ma tista tiċċaqlaq din u kiku iva kienu jaraw illi tingħata izjed prominenza. Il-Kunsill ra l-pjanti tal-proġett fejn din se titla għal 35 sular.<br><br>**Id-DSE qal illi għaddew tlett sigħat. Kien hemm qbil unanimu biex il-laqgħa titkompla.** |
| 21.6.10 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi la wasal biex jitlaq il-Kappillan, xtaq ikun jaf jekk hemm ħsieb illi nagħtu rikonoxximent għax-xogħol illi għamel. Kien hemm qbil. |

| | |
|---|---|
| | Staqsa wkoll sabiex isir laqgħa mall-Kappillan il-ġdid. Is-Sindku qal illi l-ġdid għandu jibda fit-8 ta' Novembru u laqgħa tista ssir miegħu. |
| 21.6.11 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi avviċinaħ ex-Sindku dwar plakka li tneħħiet mill-Kunsill. Id-DSE qal illi dik ilha li saret fuq il-post mit-8 ta' Awwissu. |
| 21.6.12 | Il-kunsillier J.Cardona qal illi hemm pipes ġewwa triq Moroni li ilhom hemm minn meta għamlu xi xogħolijiet WSC. |
| **21.7** | **Slow streets** |
| 21.7.1 | Ġie pprezentat presentazzjoni lill-kunsill dwar il-proposti fejn intqal illi indikajna toroq li għandom jiġu prioritizati għall-pedestrians. Minħabba li l-laqgħa kienet ilha għaddejja l-Kunsill qabel illi jaraw il-bqija tal-presentazzjoni nhar ta' Sibt wara l-laqgħa ma sid STHotels. |
| **21.8** | **Universal Childrens Day** |
| 21.8.1 | Is-Sindku qal illi peress illi din is-sena ma tistax ssir iċ-ċelebrazzjoni kif saret tul l-aħħar snin, il-kunsilliera J.Borg kella idea biex minflok dakinhar isiru lezzjonijiet ta' arts/crafts u muzika. Din il-proposta għaddiet unaniment. |
| **21.9** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 21.9.1 | Il-kunsillier J.Cardona ppropona li tigi approvata l-iskeda tal-pagamenti. Il-kunsillier I.Buhagiar issekondah. Kien hemm qbil unanimu |
| **21.10** | **Mozzjoni** |
| 21.10.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni |
| **21.11** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 21.11.1 | Il-laqgha intemmet ghall-habta ta' 8.40pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Erbgħa 2 ta' Diċembru fil-5pm |

Konfermati, illum 2 ta' Diċembru 2020.

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

IFFIRMATA

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv